**332. Il-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela u l-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Adrian Delia jipproponu:**

Billi skont id-dispożizzjoni tal-Artikolu 96 tal-Kostituzzjoni ta' Malta għandu jkun hemm Prim Imħallef tal-Qrati tal-Ġustizzja ta' Malta li jkun maħtur mill-President ta' Malta fuq parir tal-Prim Ministru;

Billi l-Prim Imħallef sedenti, l-Onorevoli Prim Imħallef Dr Joseph Azzopardi, ser jirtira bl-età, nhar it-tmienja [8] ta' April, 2020;

Billi hemm qbil f'din il-Kamra li jinħatar minfloku, bħala Prim Imħallef, l-Onorevoli Imħallef Dr Mark Chetcuti;

Billi l-Prim Ministru kkonsulta mal-Kap tal-Oppożizzjoni u ntlaħaq qbil dwar din il-ħatra tal-Onorevoli Imħallef, Dr Mark Chetcuti, bħala l-Prim Imħallef il-Ġdid;

Billi wkoll intlaħaq qbil fil-prinċipju dwar emendi maħsuba li jsiru, kemm fil-Kostituzzjoni u wkoll fil-liġijiet ordinarji ta' Pajjiżna, dwar kif għandhom jiġu maħtura ġudikanti ġodda u dwar kif għandu jiġi maħtur Prim Imħallef eventwali, wara li l-Imħallef Dr Mark Chetcuti jispiċċa mill-kariga tiegħu bħala Prim Imħallef; u dan dejjem soġġett li dak maqbul jiġi approvat mill-Kummissjoni ta' Venezja;

Għalhekk qed titressaq din il-mozzjoni;

Għaldaqstant, din il-Kamra tad-Deputati tirrisolvi;

1. Li tirreġistra l-qbil unanimu tagħha li, fuq il-parir tal-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Oppożizzjoni, il-President ta' Malta jaħtar lill-Onorevoli Imħallef Dr Mark Chetcuti bħala Prim Imħallef;

2. Tirringrazzja lill-Prim Imħallef, l-Onorevoli Dr Joseph Azzopardi, għall-kontribut siewi u d-dedikazzjoni tiegħu lejn il-Ġudikatura u lejn l-lstat Malti.

01.04.2020